

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.11.2009
KUMM(2009) 636 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi, għas-sena tas-sajd 2010, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 104/2000

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-għan immedjat ta' din il-proposta huwa li l-Kunsill ikun jista' jwettaq l-obbligu regolatorju tiegħu li jiffissa l-prezzijiet ta' gwida u l-prezz Komunitarji tal-produtturi għas-sena tas-sajd 2010. L-għan usa' ta' din il-proposta huwa għalhekk li jiġi żgurat it-tħaddim tal-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-prezzijiet u ta' intervent stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 matul is-sena tas-sajd inkwistjoni.

- **Kuntest ġenerali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq fil-Prodotti tas-Sajd u l-Akkwakultura, li hija relatata mal-aspetti tas-suq u tan-negozju tal-Politika Komuni tas-Sajd u b'hekk isservi wkoll biex timplimenta l-għanijiet tal-Artikolu 33 tat-Trattat. Mekkaniżmi speċifiċi ta' appoġġ u ta' intervent għall-prezzijiet huma fattur wieħed importanti tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq. F'dan il-kuntest, l-Artikoli 18 u 26 tar-Regolament imsemmi jobbligaw lill-Kunsill jiffissa, b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni qabel il-bidu tas-sena, kemm il-prezzijiet ta' gwida għal għadd speċifikat ta' prodotti tas-sajd ta' importanza Komunitarja kif ukoll il-prezz Komunitarju tal-produtturi għal prodotti speċifikati tat-tonn. Il-prezzijiet ta' gwida, permezz tar-regolamenti tal-Kummissjoni, jiffurmaw ir-referenza għall-iffissar sussegwenti ta' parametri tekniċi differenti li huma meħtieġa għat-tħaddim tal-mekkaniżmi ta' intervent. Il-prezz Komunitarju tal-produtturi huwa ta' rilevanza għall-benefiċċju kumpensatorju għat-tonn li jingħata lill-industrija tal-ipproċessar, li jista' jiġi kkawżat meta l-prezzijiet fis-swieq dinjin jinżlu taħt livell ta' limitu speċifikat.

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, il-prezzijiet rilevanti għandhom isegwu kemm l-iżvilupp tal-prezzijiet tas-suq matul it-tliet snin tas-sajd preċedenti kif ukoll xejriet fil-produzzjoni u d-domanda. B'konformità ma' dan, il-proposta hija għal tnaqqis ta' bejn -1 % u -6 % għall-ispeċijiet tal-*whitefish* u tal-krustaċej; għal żidiet ta' bejn +1 % u +3 % għall-ispeċijiet pelaġiċi bħas-sardin u l-alonga, kif ukoll tnaqqis ta' bejn -1 % u -4 % għall-aringi, il-kavalli, il-kavalli Spanjoli u l-inċova. Fil-qasam tal-prodotti friżati, il-proposta tirrifletti żidiet ta' bejn +1 % u +2 % għall-marlozz u l-gambli, u tnaqqis ta' bejn -1 % u -4 % għall-ħalibatt ta' Greenland, l-awrat, is-siċċ, il-qarnit u l-klamari. Fl-aħħar nett, il-proposta hija għal tnaqqis tal-prezz Komunitarju tal-produtturi għall-prodotti tat-tonn b' -4 %.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1299/2008 li jistabbilixxi, għas-sena tas-sajd 2009, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd konformement mar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

- **Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni**

It-tħaddim tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill

Nru 104/2000 u t-tweġġ tal-obbligi regolatorji relatati magħhom iservu wkoll sabiex jimplimentaw l-għanijiet tal-Artikolu 33 tat-Trattat.

2. KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

• Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali ta' dawk li ħadu sehem fil-konsultazzjoni

Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd u l-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif tqiesu

Iż-żewġ Kumitati esprimew veduti li jaqblu ħafna mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar is-suq.

• Ġbir u użu tal-għarfien espert

Oqsma xjentifiċi/ta' għarfien espert konċernati

Swieq fil-prodotti tas-sajd.

Metodoloġija użata

Konsultazzjoni miftuħa.

Organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Esperti li jirrappreżentaw l-Istati Membri fil-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd. Esperti li jirrappreżentaw il-gruppi ewlenin tal-partijiet tal-UE involuti fil-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura.

Sinteżi tal-pariri li waslu u ntużaw

Ma ssemmietx l-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli.

Il-pariri huma ġeneralment riflessi fil-proposta li tiffissa l-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi.

Mezzi li ntużaw biex il-parir espert ikun disponibbli pubblikament

Minuti tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd u l-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura.

• Valutazzjoni tal-impatt

Jekk titqies in-natura speċifika tal-proposta, jiġifieri d-determinazzjoni annwali tal-prezzijiet rilevanti skont il-kundizzjonijiet tal-Organizzazzjoni tas-Swieq Komuni fil-verżjoni preżenti tagħha, mhux meħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt.

Il-proposta hija madankollu bbażata fuq monitoraġġ regolari tal-interventi fis-sinjura tas-sajd preċedenti u analiżi profonda tas-sitwazzjoni tas-suq għal kull wieħed mill-prodotti tas-sajd rilevanti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi tal-azzjoni proposta**

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa, għas-sena tas-sajd 2010, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd.

- **Bażi legali**

L-Artikoli 18(3) u 26(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

Il-ksib tas-Suq Komuni fil-qasam tal-prodotti tas-sajd jirrikjedi li jiġu ffixxati l-prezzijiet ta' gwida. L-Organizzazzjoni tas-Swieq Komuni ttipprovdi għal mekkaniżmi speċifiċi ta' intervent iżda ma ġġiegħel l-ebda wieħed mill-atturi rilevanti (organizzazzjonijiet ta' produtturi) biex jirrikorri għall-intervent.

L-Organizzazzjoni tas-Swieq Komuni żiedet konsiderevolment kemm l-attrattiva tal-intervenzjoni fil-forma ta' irtirar superfluwu mis-swieq kif ukoll il-mezzi finanzjarji korrispondenti.

- **Għażla tal-istrumenti**

Strumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

Il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għandhom jiġu ffixxati mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni. Huwa meħtieġ Regolament biex tiġi żgurata l-applikabilità diretta u l-uniformità fil-Komunità kollha.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Billi dan huwa eżerċizzju li jiffissa l-prezzijiet, l-impatt fuq in-nefqa mhuwiex dirett u se jiddependi l-aktar fuq żviluppi fis-sitwazzjoni tas-suq u fuq kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd li jinħattu l-art.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi, għas-sena tas-sajd 2010, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 104/2000

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(3) u l-Artikolu 26(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jipprovdu li għandhom jiġu ffissati prezzijiet ta' gwida u prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal kull sena tas-sajd biex jiġu ddeterminati l-livelli tal-prezzijiet sabiex jitpoġġew fis-suq ċerti prodotti tas-sajd.
- (2) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jeħtieġ li l-prezzijiet ta' gwida jkunu ffissati għal kull prodott u għal kull grupp ta' prodott elenkat fl-Annessi I u II għal dak ir-Regolament.
- (3) Abbażi tad-dejta attwali disponibbli fuq il-prezzijiet għall-prodotti konċernati u fuq il-kriterji msemmija fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezzijiet ta' gwida għandhom jiżdiedu, jinżammu, jew jitnaqqsu għas-sena tas-sajd 2010, skont l-ispeċijiet.
- (4) L-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jitlob li l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi jiġu ffissati għall-prodotti elenkati fl-Anness III għal dak ir-Regolament. Huwa xieraq li jiġi stabbilit prezz Komunitarju tal-produtturi għal wieħed minn dawk il-prodotti u li jiġu kkalkulati l-prezzijiet Komunitarju tal-produtturi għall-oħrajn permezz tal-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2006 tat-30 ta' Mejju 2006 li jiffissa l-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-ħut tal-ġeneri *Thunnus* u *Euthynnus*².

¹ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

² ĠU L 144, 31.5.2006, p. 15.

- (5) Abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni inċiż tal-Artikolu 18(2) u fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz Komunitarju tal-produtturi għas-sena tas-sajd 2010 għandu jiġi aġġustat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010, il-prezzijiet ta' gwida kif provduti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandu jiġi stabbilit kif inniżżel fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għas-sena tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010, il-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi kif provduti fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandhom jiġu stabbiliti kif inniżżel fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNES I

Annessi	Speċijiet Prodotti msemmija fl-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 104/2000	Preżentazzjoni kummerċjali	Prezz ta' gwida (EUR/tunnellata)
I	1. Aringi tal-ispeċi <i>Clupea harengus</i>	Ħut sħiħ	275
	2. Sardin tal-ispeċi <i>Sardina pilchardus</i>	Ħut sħiħ	580
	3. Mazzola griża (<i>Squalus acanthias</i>)	Ħut sħiħ jew Ħut innaddaf bir-ras	1090
	4. Gattarell (<i>Scyllorhinus spp.</i>)	Ħut sħiħ jew Ħut innaddaf bir-ras	711
	5. Redfish (<i>Sebastes spp.</i>)	Ħut sħiħ	1188
	6. Merluzz tal-ispeċi <i>Gadus morhua</i>	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	1572
	7. Pollakkju (<i>Pollachius virens</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	776
	8. Haddock (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	976
	9. Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	898
	10. Linarda (<i>Molva spp.</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	1165
	11. Kavall tal-ispeċi <i>Scomber scombrus</i>	Ħut sħiħ	313
	12. Kavall tal-ispeċi <i>Scomber japonicus</i>	Ħut sħiħ	279
	13. Inċova (<i>Engraulis spp.</i>)	Ħut sħiħ	1287
	14. Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras mill-1.1.2010 sat-30.4.2010	1047
		Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras mill-1.5.2010 sal-31.12.2010	1454
	15. Marlozz tal-ispeċi <i>Merluccius merluccius</i>	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	3403
	16. Lingwata (<i>Lepidorhombus spp.</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	2402
	17. Barbun (<i>Limanda limanda</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	828
	18. Barbun komuni (<i>Platichthys flesus</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	491
	19. Alonga jew tonn tax-xewka twila (<i>Thunnus alalunga</i>)	Ħut sħiħ	2241
		Ħut innaddaf bir-ras	2487
	20. Siċċa (<i>Sepia officinalis</i> u <i>Rossia macrosoma</i>)	Shih	1781
	21. Petriċa (<i>Lophius spp.</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	2909
		Bla ras	5985
	22. Gambli tal-ispeċi <i>Crangon crangon</i>	Sempliċement mgħolljin fl-ilma	2423
	23. Gambli tat-Tramuntana (<i>Pandalus borealis</i>)	Sempliċement mgħolljin fl-ilma	6474
		Friski jew imkessħin	1590
	24. Granċ jittiekel (<i>Cancer pagurus</i>)	Shih	1676
	25. Awwista tan-Norveġja (<i>Nephrops norvegicus</i>)	Sħiħa	5197
		Dnub	4102
	26. Lingwata (<i>Solea spp.</i>)	Ħut sħiħ jew ħut innaddaf bir-ras	6742
II	1. Ħalibatt ta' Greenland (<i>Reinhardtius hippoglossoides</i>)	Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	1896
	2. Marlozz tal-ispeċi <i>Merluccius spp.</i>	Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	1208
		Iffriżat, iffilitjat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	1483
	3. Pagri (<i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus spp.</i>)	Iffriżat, fi kwantitajiet jew fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	1492
	4. Pixxispad (<i>Xiphias gladius</i>)	Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	3998
	5. Siċċa (<i>Sepia officinalis</i>) (<i>Rossia macrosoma</i>) (<i>Sepiola rondeletti</i>)	Iffriżata, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	1915
	6. Qarnit (<i>Octopus spp.</i>)	Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	2161
	7. Klamari (<i>Loligo spp.</i>)	Iffriżati, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	1167
	8. Klamar (<i>Ommastrephes sagittatus</i>)	Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	961
	9. <i>Illex argentinus</i>	Iffriżat, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	856
	10. Gambli tal-familja <i>Penaeidae</i> - Gambli tal-ispeċi <i>Parapenaeus longirostris</i>	Iffriżati, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	4072
	- Speċijiet oħra tal-familja <i>Penaeidae</i>	Iffriżati, fil-pakketti oriġinali li jkun fihom l-istess prodotti	8055

ANNEX II

Speċijiet Prodotti elenkati fl- Anness III għar- Regolament (KE) Nru 104/2000	Piż	Speċifikazzjonijiet kummerċjali	Prezz Komunitarju tal-produtturi (EUR/tunnellata)
Tonn bil-pinen sofor (<i>Thunnus albacares</i>)	li jiżen aktar minn 10 kilogrammi kull wieħed	Shih	1224
		Bla garġi u mnaddaf	
		Oħrajn	
	li ma jiżinx aktar minn 10 kilogrammi kull wieħed	Shih	
		Bla garġi u mnaddaf	
		Oħrajn	
Alonga (<i>Thunnus alalunga</i>)	li tiżen aktar minn 10 kilogrammi kull waħda	Sħiħa	
		Bla garġi u mnaddfa	
		Oħrajn	
	li ma tiżinx aktar minn 10 kilogrammi kull waħda	Sħiħa	
		Bla garġi u mnaddfa	
		Oħrajn	
Palamit (<i>Katsuwonus pelamis</i>)		Shih	
		Bla garġi u mnaddaf	
		Oħrajn	
Tonn bil-pinen blu (<i>Thunnus thynnus</i>)		Shih	
		Bla garġi u mnaddaf	
		Oħrajn	
Speċijiet oħra tal- ġeneri <i>Thunnus</i> u <i>Euthynnus</i>		Shih	
		Bla garġi u mnaddaf	
		Oħrajn	

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi, għas-sena tas-sajd 2010, il-prezzijiet ta' gwida u l-prezzijiet Komunitarji tal-produtturi għal ċerti prodotti tas-sajd skont ir-Regolament (KE) Nru 104/2000

2. IL-QAFAS TAL-ABM / ABB

Il-qasam/l-oqsma tal-politika konċernat/i u l-attività/l-attivitàjiet assoċjata/i:

Il-qasam tal-politika 11: Sajd u Affarijiet Marittimi

Attività ABB 11 02: Swieq tas-sajd

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji tal-baġit (linji operattivi u linji relatati ta' assistenza teknika u amministrattiva (ex-linji BA)), inklużi l-intestaturi:

11 02 01 01: Interventi fil-prodotti tas-sajd:

Analiżi indikattiva:

- Programmi operattivi: EUR 1.230 miljun³

- Irtirar Komunitarju: EUR 3.000 miljun

- Irtirar indipendenti u tressiq 'il quddiem: EUR 2.200 miljun

- Għajjnuna għall-ħżin privat: EUR 1.000 miljun

- Benefiċċju kumpensatorju għat-tonn: EUR 1.700 miljun

- Tressiq 'il quddiem Komunitarju: EUR 5.000 miljun

- Assistenza teknika: EUR 0.150 miljun

- Studji: EUR 0.220 miljun³

³ L-għajjnuna mhijiex affettwata mill-iffissar tal-prezzijiet gwida

3.2. It-tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Miżuri ristretti għas-sena tas-sajd 2010 (mis-16.10.2009 sal-15.10.2010)

Ladarba dan huwa eżerċizzju li jiffissa l-prezzijiet, l-impatt fuq in-nefqa huwa indirett. In-nefqa inkwistjoni se tiddependi l-aktar fuq l-iżviluppi fis-sitwazzjoni tas-suq u fuq il-kwantitajiet li jinħattu l-art.

3.3. Karatteristiċi baġitarji (żid ir-ringieli jekk meħtieġ):

Linja tal-baġit:	Tip ta' nfiq		Ġdid	Kontribuzzjoni mill-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
11 02 0101	Obbligatorju/ Mhux obbligatorju:	Differeenzjat ⁴ Mhux differenzjat ⁵	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	2

⁴ Approporzjonijiet differenzjati

⁵ Approporzjonijiet mhux differenzjati minn hawn 'il quddiem imsejħa AMD

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1. Sommarju tal-appropriazzjonijiet tal-impenn (AI) u tal-appropriazzjonijiet tal-ħlas (AH)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' nfiq	In-numru tat-Taqsima		Sena 2010	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
--------------	----------------------	--	-----------	-------	-------	-------	-------	--------------	-------

Infq operattiv⁶

Appropriazzjonijiet tal-Impenn (AI)	8.1	a	13.050						13.050
Appropriazzjonijiet tal-Ħlas (AH)		b	11.050	2					13.050

Nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza⁷

Assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4	c	-	-	-	-	-	-	-
--	-------	---	---	---	---	---	---	---	---

AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

Appropriazzjonijiet		a+c	13.050						13.050
---------------------	--	-----	--------	--	--	--	--	--	--------

Nefqa amministrattiva li mhijiex inkluża fl-ammont ta' referenza⁸

Riżorsi umani u nfiq assoċjat (NDA)	8.2.5	d	0.244						0.244
L-ispejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż marbut magħhom, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	e	0.036						0.036

Spiża finanzjarja indikattiva totali tal-intervent

It-TOTAL tal-AI, inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c+d+e	13.330	-	-	-	-	-	13.330
It-TOTAL tal-AH, inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c+d+e	11.330	2	-	-	-	-	13.330

⁶ Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx konċernat.

⁷ Nefqa fl-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

⁸ In-nefqa fi ħdan il-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Dettalji tal-kofinanzjament

F'każ li l-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji f'każ li entitajiet differenti huma previsti għall-għoti tal-kofinanzjament):

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Entità tal-kofinanzjament		Sena 2010	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
L-ebda kofinanzjament mill-Istati Membri jew entitajiet oħra	f	-	-	-	-	-	-	-
AI TOTALI inkluż il-kofinanzjament	a+c+d+e+f	-	-	-	-	-	-	-

4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- ☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- ☐ Il-proposta titlob programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- ☐ Il-proposta tista' titlob applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali (jiġifieri l-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja)⁹

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul
- ☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

NB: Kull dettall u osservazzjoni dwar il-mod kif jinħadem l-effett fuq id-dħul għandu jtniżżel f'anness separat.

⁹ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

EUR miljun (sa punt deċimali)

Linja tal-baġit:	Dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Sena 2010]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] ¹⁰
	a) Dħul f'termini assoluti							
	b) Tibdil fid-dħul	Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tal-baġit ta' dħul konċernata, u żid l-għadd ta' ringieli xierqa mat-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja tal-baġit waħda.)

4.2. Riżorsi Umani FTE (inklużi l-uffiċjali, u l-impjegati temporanji u esterni) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	Sena 2010	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
Numru totali ta' riżorsi umani	2	-	-	-	-	-

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Iridu jintlaħqu fit-terminu qasir jew twil

L-interventi li huma dwar prodotti tas-sajd isiru skont il-Politika Komunitas-Sajd (PKS) b'konformità mal-Artikolu 34 tat-Trattat. Għandhom l-għan li jipprovdu stabbiltà lis-swieq tal-Komunità billi jevitaw riskji possibbli ta' kriżijiet. F'dan il-kuntest, politiki dwar il-prezz xieraq u ta' forniment huma tal-akbar importanza. L-interess tal-katina tal-produzzjoni u tat-tqegħid fis-suq u l-bżonn li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur f'kuntest ta' globalizzazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati. L-għan tal-istabbiltà tas-suq flimkien mal-appoġġ lejn id-dħul tal-produtturi jistgħu jintlaħqu essenzjalment permezz tal-mekkaniżmi differenti ta' interventi fis-swieq, eż. irtirar, tressiq 'il quddiem, benefiċċju kumpensatorju. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll l-interess tal-konsumaturi.

¹⁰ Għandhom jiżdiedu iktar kolonni jekk ikun hemm bżonn, jiġifieri jekk l-azzjoni ddum iktar minn 6 snin.

5.2. Valur miżjud tal-involvement Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

Il-kwistjoni tas-sussidjarjetà mhijiex rilevanti għal din il-proposta għax l-intervent Komunitarju jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Il-valur miżjud tal-intervent Komunitarju huwa relatat direttament mal-argumenti wara l-eżistenza ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi tal-proposta relatati fil-kuntest tal-qafas ABM

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-prezzijiet ta' gwida u l-prezz Komunitarju tal-produtturi permezz tal-Kunsill skont Artikoli 18 u 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000. Il-prezzijiet ta' gwida, permezz tar-Regolamenti tal-Kummissjoni, jipprovdu l-bażi għall-iffissar sussegwenti ta' parametri differenti li huma meħtieġa għat-tħaddim tal-mekkaniżmi ta' intervent għas-sena tas-sajd konċernata. Bl-istess mod, il-prezz Komunitarju tal-produtturi jifforma l-bażi biex jingħata l-benefiċċju kumpensatorju għat-tonn li jista' jiġi kkawżat skont l-iżvilupp tal-prezzijiet fis-swieq dinjin.

Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim proprju tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fl-2010, ir-regolamenti kollha għandhom jiġu adottati qabel l-aħħar tal-2009.

5.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattivi)

Uri hawn taħt il-metodu/i¹¹ magħżul(a) għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Tmexxija Ċentralizzata

☒ Direttament mill-Kummissjoni

Indirettament b'delega lil:

Aġenziji Eżekuttivi

Korpi mwaqqfa mill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

Entitajiet nazzjonali mis-settur pubbliku/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku

Tmexxija mqassma jew deċentralizzata

Mal-Istati Membri

Ma' pajjiżi terzi

¹¹ Jekk huwa indikat aktar minn metodu wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji addizzjonali fit-taqsima tal-"Kummenti rilevanti" ta' dan il-punt

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

Suġġerimenti rilevanti:

Mis-16 ta' Ottubru 2006, il-miżuri ffinanzjati taħt l-intestatura tal-baġit 11.02.01 ġew implimentati b'mod ċentralizzat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni. Barra minn hekk, il-ġestjoni ta' dejta nnotifikata mill-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 248/2009 hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni biss.

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' Monitoraġġ

Il-monitoraġġ tal-miżuri ppjanati huwa żgurat permezz tal-ġbir u l-analiżi tad-dejta nnotifikata mill-Istati Membri permezz tas-sistema FIDES skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 248/2009.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

Jekk tiġi meqjusa n-natura speċifika tal-proposta, jiġifieri l-iffissar annwali ta' ċerti prezzijiet Komunitarji fi ħdan il-qafas tal-organizzazzjoni komuni attwali tas-swieq għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, mhux meħtieġ li jkun hemm evalwazzjoni ex-ante kif deskritta f'Artikolu 21 (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq monitoraġġ regolari ta' interventi fis-sinjura tas-sajd preċedenti u analiżi profonda tas-sitwazzjoni tas-swieq għall-prodotti rilevanti.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedja/ex-post (lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili mill-passat)

Fl-2009 tlestiet evalwazzjoni esterna tal-istrumenti finanzjarji u mhux finanzjarji tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, inklużi l-mekkaniżmi ta' intervent, kif ukoll studju dwar il-provvista u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura fl-UE. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji jiffurmaw il-bażi għar-reviżjoni tal-organizzazzjoni tas-suq komuni.

6.2.3. It-termini u l-frekwenza tal-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Qed jitnieda studju dwar l-analiżi ta' xenarji possibbli għal riforma tal-organizzazzjoni tas-suq komuni.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-miżuri kontra l-frodi huma konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 104/2000 u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 595/91 dwar l-irregolaritajiet u l-irkupru ta' somom ta' flus imħallsa ħażin.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispejjeż finanzjarji tagħhom

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

(Għandhom jitniżżlu l- intestaturi tal- għanijiet, l- azzjonijiet u r- riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiża Medja	Sena 2010		Sena n+1		Sena n+2		Sena n + 3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		TOTAL	
			Numru ta' riżultati	Spiża totali	Numru ta' riżultati	Spiża totali	Numru ta' riżultati	Spiża totali	Numru ta' riżultati	Spiża totali	Numru ta' riżultati	Spiża totali	Numru ta' riżultati	Spiża totali	Numru ta' riżultati	Spiża totali
- Riżultat 1	Irtirar Komunitarju			3.000												
- Riżultat 2	Irtirar indipendenti u t- tressiq 'il quddiem			2.200												
- Riżultat 3	Għajnuna għall- ħżin privat			1.000												
- Riżultat 4	Benefiċċju kumpensatorju għat-tonn			1.700												
- Riżultat 5	Tressiq 'il quddiem Komunitarju:			5.000												
- Riżultat 6	Assistenza teknika			0.150												
SPIŻA TOTALI				13.050												

8.2. Spiża Amministrattivi

Ir-rekwiżiti tar-riżorsi umani u amministrattivi se jinqdew permezz tal-appropriazzjoni interna allokata għad-DĠ amministrattiva fi ħdan il-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali.

8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Impjegati li għandhom jiġu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (numru ta' karigi/FTEs)					
		Sena 2010	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
L-uffiċjali jew l-impjegati temporanji ¹² (XX 01 01)	A*/A D	13					
	B*, C*/A ST	2					
Impjegati ffinanzjati ¹⁴ mill-art. XX 01 02							
Impjegati oħra ¹⁵ ffinanzjati bl-Artikolu XX 01 04/0 5							
TOTAL							

8.2.2. Deskrizzjoni ta' kompiti li joħorġu mill-azzjoni

Kontrolli dwar il-ġestjoni finanzjarja tan-nefqa, dawk ta' segwitu u ex-post.

8.2.3. Sorsi tar-riżorsi umani (statutarji)

(Fejn ikun iddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull sors)

- ☐ Karigi li attwalment huma allokati għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jiġu sostitwiti jew estiżi
- ☒ Karigi allokati minn qabel fil-qafas tal-eżerċizzju tal-APS/PDB għas-sena 2010
- ☐ Postijiet li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- ☐ Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid billi jintużaw riżorsi eżistenti fis-servizz ta' ġestjoni (tqassim intern)

¹² L-ispiża ta' dawn MHIJEX koperta bl-ammont ta' referenza

¹³ Ma jaffettwax l-ispiża amministrattiva jew l-impjegati

¹⁴ L-ispiża ta' dawn MHIJEX koperta bl-ammont ta' referenza

¹⁵ Li l-ispiża tagħhom hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

- ☐ Karigi meħtieġa għal sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena inkwistjoni

8.2.4. *Infq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	Sena 2010	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal-impjegati)							
Aġenziji eżekuttivi ¹⁶							
Assistenza teknika u amminsitrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
Total tal-assistenza teknika u amministrattiva							

¹⁶ Għandha ssir referenza għall-istqarrija finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i konċernata/i.

8.2.5. *L-ispiża finanzjarja għar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhumex inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena 2010	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u impjegati temporanji (XX 01 01)	0.244					
Impjegati ffinanzjati bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, END, impjegati kuntrattwali, eċċ.) (speċifika l-linja ta' baġit)						
Spiża totali ta' Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)						

Kalkolu – Uffiċjali u Aġenti Temporanji

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk ikun meħtieġ

2 AST x EUR 0.122 miljun = EUR 0.244 miljun

Kalkolu - L-impjegati ffinanzjati skont l-art. XX 01 02

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk ikun meħtieġ

8.2.6. *Spejjeż amministrattivi oħra mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena 2010	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	2						0.017
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati ¹⁷	1						0.019
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi tal-informazzjoni							
2 Total ta' Infiq Ieħor ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)							
3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika billi tindika l-linja tal-baġit)							
It-total tan-nefqa amministrattiva, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż marbuta magħhom (MHUX inklużi fl- ammont ta' referenza)							0.036

Kalkolu – *Spejjeż amministrattivi oħra li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza*

¹⁷ Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jagħmel parti minnu.